

32006E0708

21.10.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 291/43

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/708/PESK**tas-17 ta' Ottubru 2006****li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat ta' Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2006, wara revizzjoni tal-missjoni mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, il-Kunsill qabel li jestendi l-EUJUST LEX għal 18-il xahar ieħor wara l-iskadenza tal-mandat eżistenti, sal-31 ta' Diċembru 2007.
- (2) Fl-istess data, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/413/PESK li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat ta' Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX ⁽¹⁾. Dik l-Azzjoni Konġunta tkopri l-ewwel fażi ta' din l-estensjoni sal-31 ta' Ottubru 2006.
- (3) Din l-Azzjoni Konġunta għandha ttiprovdi l-bażi għat-tieni fażi ta' din l-estensjoni, sal-31 ta' Diċembru 2007.
- (4) L-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK ⁽²⁾ għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 11(3) għandu jiġi mibdul b' dan li ġej:

“Minħabba s-sitwazzjoni ta' sigurtà partikolari fl-Iraq, is-servizzi f'Bagdad għandhom jiġu pprovduti permezz tal-kuntratti magħmula mir-Renju Unit mal-kumpanniji li jipprovdu dawn is-servizzi u joħorġu fattura għalihom. Il-baġit ta' l-EUJUST LEX għandu jkopri dawn l-ispejjeż sa mhux

aktar minn EUR 2,4 miljun. Ir-Renju Unit għandu, f'konsultazzjoni mal-Kap tal-Missjoni, jirrapporta b' informazzjoni adegwata lill-Kunsill dwar dawn l-ispejjeż.”

2. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

“Din għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2007.”

Artikolu 2

L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri n-nefqa addizzjonali relatata mal-missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2006 sal-31 ta' Diċembru 2007 għandu jkun EUR 11,2 miljun.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, 17 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

⁽¹⁾ ĠU L 163, 15.6.2006, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 62, 9.3.2005, p. 37.